**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 197/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ramirez Vella**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Ramirez Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 380198M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Fl-1 ta' Marzu 2015, fi Triq il-Merħba, il-Fgura, u f'dawn il-gżejjer, seraq il-karozza Kia Pride ta' lewn griż, numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 għall-valur komplessiv ta' aktar minn €2329.37 għad-detriment ta' Mark Conti u Redent Zammit, liema serq huwa aggravat bil-ħin, mezz, valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u t-2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla Kia Pride ta' lewn griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 b'manjiera perikoluża u traskurata;

4. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u 2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla Kia Pride ta' lewn Griz numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 u għadda kontra s-sinjal li jindika li ma hemmx dħul (*no entry*);
5. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u 2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-għamla Kia Pride ta' lewn Griż numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u t-2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer, seraq karozza Kia Pride ta' lewn Griż, numru ta' reġistrazzjoni ABG 928, l-utli li kellu fi ħsiebu kien dak tal-użu biss tal-ħaġa;
7. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u 2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer, meta kien qed isuq vettura tal-għamla Kia Pride ta' lewn Griż, numru tar-reġistrazzjoni ABG 928 jew kellu fil-kontroll tiegħu l-istess vettura, naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali għal biex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra waqt li kienu qed iwettqu dmirhom;
8. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u 2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gzejjer, saq il-vettura Kia Pride ta' lewn Griz bin-numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji għat-terzi persuni;
9. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u t-2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gzejjer, ma obdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt dispozizzjoniijet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;
10. U aktar talli bejn l-1 ta' Marzu 2015 u 2 ta' Marzu 2015, f'Malta u f'dawn il-Gżejjer, b'meżżi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta' Mark Conti, Redent Zammit, Marilyn Grasso, mobbli jew immobbli billi għamel ħsara għad-dannu ta' €474.89 fil-karozzi Kia Pride numru ta' reġistrazzjoni ABG 928 u ħsara għad-dannu ta' €848.61 fil-karozza Ford Fiesta numru ta' reġistrazzjoni MEM 524;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lil ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont it-termini tal-artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet miltuba issib ħtija fl-imputat talli ikkometta reat fi żmien operattiv ta' Probation Order art 7. Kap.446 liema ordni ingħatat mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. b'sentenza tas-26 ta' Jannar 2015.

Il-Qorti kien mitluba ukoll li f'kaz ta' ħtija, titratta mal-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenzi kienu mogħtija lil Ramirez Vella u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 37(2), 328(d), 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu A(c) Reg. 2 Taqsima II tar-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġjata, Liġi Sussidjarja 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat Ramirez Vella ħati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt u t-tmien akkużi kif dedotti kontrih u l-addebitu tar-reċediva iżda sabitu ħati biss tal-akkużi tlieta (sewqan traskurat biss), erbgħa, ħamsa, sebgħa, disgħa u għaxra u poġġietu taħt Ordni ta' Probation taħt l-Artikolu 7, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal tlett snin. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-Ksur tal-Ordni ta' Probation taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellat ħati tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu, filwaqt li tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet (f'dak li jirrigwarda sewqan perikoluz) u tat-tmien akkuzi, kif ukoll tiddikjara li sar reċediv u minflok issibu ħati ta' dawn l-imsemmija akkużi u tinfliġġi l-piena kontra tiegħu skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aggravji kollha mressqin minnu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti fir-rigward ta'l-ewwel, it-tieni u t-tmien imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat kif ukoll fir-rigward ta'l-addebitu tar-

reċediva, u għalhekk interpona dan l-appell fit-termini tal-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, kif dejjem ribadit huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Avukat Ġenerali ħassu aggravat fl-ewwel lok minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat kien illiberat mill-imputazzjonijiet li fihom huwa kien mixli bir-reati tas-serq aggravat u r-riċettazzjoni. L-Avukat Ġenerali jikkontendi li mill-provi prodotti, jirriżultaw sodisfatti l-elementi legali li jsawwru id-dottrina tal-pussess riċenti u għaldaqstant l-appellat kellu jinstab ħati tar-reat ta' serq, u/jew dik alternattiva ta' riċettazzjoni li dwarhom hu kien mixli.

Illi, mill-provi prodotti jirriżulta illi nhar l-1 ta' Marzu 2015, sar rapport lill-Pulizija minn Mark Conti li l-vettura tiegħu tal-għamla Kia Pride, ta' lewn griż, u bin-numru ta' reġistrazzjoni ABG-928, kienet ġiet misruqa. Conti stqarr li huwa għandu is-sengħa ta' mekkanik u sakemm kien qed jagħmel xi tiswijiet fuq il-vettura prorpjeta' ta' ċertu Redent Zammit, huwa selliflu l-vettura tiegħu surriferita sabiex dan jinqeda biha

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

sakemm il-vettura tiegħu tkun lesta mix-xogħol ta' tiswija li kien qed isir fuqha. Illi mix-xhieda ta' Redent Zammit jemerġi illi wara li Conti għaddielu din il-vettura għall-użu tiegħu, huwa ħalla l-bieba mhux imsakkra kif ukoll ħalla ċ-ċavetta ġewwa *ashtray* fl-istess vettura, għal liema azzjoni huwa ma jagħti ebda spjegazzjoni. Xehed ukoll li lill-appellat jafu *di vista*.

Illi fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Marzu 2015 u it-2 ta' Marzu 2015, saret *roadblock* mill-Pulizija fi Triq it-Telgħa, Kordin meta PS 596 Christopher Long, li kien dak iż-żmien stazzjonat mat-Taqsima tal-*RIU*, igħid li hu u l-kollegi tiegħu lemħu vettura ġejja b'dawl qawwi issuq fid-direzzjoni lejn il-Fgura, u għamlu sinjal lis-sewwieq sabiex jieqaf fil-ġenb tat-triq. Is-sewwieq, li s-Surġent Long jiddiskrevih bħala persuna li kienet tidher għadha zgħira u li kienet liebsa *hoody* griża, minflok waqqaf il-vettura kif kien ordnat jagħmel, saq "**bi speed eċċessiv**" fid-direzzjoni tagħhom. Dan huwa korroborat ukoll mix-xhieda ta' PS 1204 Kenneth Sultana li xehed li s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni saq "**gas down**" u li "**xagħra kien hemm minn ma saqajn is-Surġent**". Il-vettura ġiet segwita mill-Pulizija li osservawha dieħla ġewwa triq fil-Fgura kontra s-sinjali tat-traffiku. Għal ftit mumenti, il-Pulizija tilfu lil din il-vettura mill-viżta tagħhom, iżda ftit sekondi wara, raw tlett żgħażagħ jiġru, liema żgħażagħ kienu identiċi għaż-żgħażagħ li kien hemm fil-vettura mfittxija minnhom. Meta ra lill-Pulizija, iż-żagħżugħ li kien liebes il-*hoody* l-griża, li wara kien identifikat bħala l-appellat, tefa' ċavetta taħt vettura oħra. Il-Pulizija ġabbru din iċ-ċavetta u flimkien mal-appellat issokktaw ifittxu il-vettura li kienet misjuba ftit tal-ħin wara maħbuta f'vettura oħra tal-għamla Ford Fiesta. Mix-xhieda taż-żewġ żgħażagħ li kienu qed jakkompanjaw lill-appellat fil-vettura, u ċioe' Miguel Mizzi u Leeroy Urry, irriżulta li kien l-appellat li kien qed isuq, iżda ħadd minnhom ma seta' jitfa' xaqq ta' dawl dwar kif l-appellat ġie fil-pussess ta' dina l-istess vettura.

Issa mix-xiehda ta' Redent Zammit jemerġi illi għalkemm huwa ma sakkarx il-vettura u ħalla iċ-ċavetta tagħha, fl-*ashtray*, madanakollu qatt ma taha il-kunsens tiegħu sabiex din il-vettura tittieħed mill-appellat jew miż-żagħżagħ li kienu qed jakkompanjawh. Zammit fil-fatt igħid li lill-appellat jafu biss *di vista* u allura qatt ma tkellem miegħu.

Iż-żewġ żgħażagħ li kienu qed jakkompanjaw lill-appellat jikkonfermaw illi kien l-appellat li ġie fil-pussess ta' din il-vettura u li hu kien qed isuq l-istess. Illi l-Ewwel Qorti qieset ix-xiehda ta' Redent Zammit bħala inverosimili u ċioe' ma emmnitux meta stqarr illi huwa ma kienx ta l-kunsens tiegħu lill-appellat sabiex jieħu din il-vettura, u dan għaliex, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, il-fatt li ma kienx sakkar vettura mislufa lilu u ħalla ċ-ċwievet fl-*ashtray* tagħha, kien indikattiv illi kien miftiehem mal-appellat sabiex dan ikun jista' jsuq din il-vettura. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax tikkondividi din il-fehma, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi kien proprju Zammit stess, flimkien mas-sid tal-vettura, Mark Conti, li rrapporta lil pulizija illi l-vettura kienet insterqet. Fil-fatt mir-rapport tal-PIRS jirriżulta illi meta Zammit ma sabx il-vettura ħaseb li kien ħadha missieru, jew li kien ħadha Conti stess, u meta dawn infurmawh illi din ma kenitx fil-pussess tagħhom, hu flimkien ma' Conti irħewlha lejn l-għassa tal-pulizija sabiex jagħmlu ir-rapport[2]. Ma jirriżultax għalhekk li kien hemm 'l hekk imsejjaħ *common design* bejn Zammit u l-appellat sabiex din il-vettura tittieħed u tinstaq mill-appellat, għalkemm huwa minnu illi Zammit ma jagħtix spjegazzjoni dwar il-mottiv li wasslu biex ma jsakkarx vettura li, *del resto,* lanqas ma kienet tappartjeni lilu. Illi allura ma hemm ebda prova in atti, u dan sal-grad tal-probabbli, li jimmilitaw favur din it-teżi, li *del resto* lanqas ma hi t-teżi prospettata mid-difiża, u dan billi l-appellat jibqa' jisħaq illi il-fatt illi huwa kien interċettat isuq il-vettura ftit ħin wara li ġiet misruqa ma kellux ifisser li kien hu li seraqha u dan ukoll għaliex provi fl-atti f'dan is-sens ma hemmx.

Issa għalkemm d-deposizzjoni ta' Redent Zammit hija xotta għall-aħħar, madanakollu ma hemm ebda evidenza oħra fl-atti li b'xi mod tikkontradixxi din ix-xiehda jew li tindika li kien Zammit li ta l-kunsens tiegħu sabiex l-appellat jsuq din il-vettura u jieħu lil sħabu għal dawra biha. Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħat qatt legalment u raġjonevolment tasal biex tikkonkludi li kien Redent Zammit li ta l-kunsens tiegħu sabiex l-appellat jieħu din il-vettura meta ma kien hemm xejn fl-atti li tindika li dan kien il-każ. Illi ġaladarba l-vettura misruqa kienet misjuba, ftit tal-ħin wara it-teħid tagħha, fil-pussess u l-kontroll tal-appellat, li kien il-persuna li kien qed

[2] Ara rapport a fol.28 et seq tal-atti

isuq din il-vettura u li stieden lil sħabu għal dawra fiha[3], allura kif tajjeb jikkontendi l-Avukat Ġenerali, fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju issib applikazzjoni id-dottrina ta'l hekk imsejħa pussess riċenti lil fis-sentenza ***Seisun***[4], spiss iċċitata minn dawn il-qrati, hemm imfassla l-elementi ta' dritt li jsawwru din it-tejorija:

> **'Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-teorija mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti. Hu risaput li in tema ta'** *law of evidence*, **kemm-il darba ma jkunx hemm xi dispozizzjoni kuntrarja fil-Kodiċi tagħna, il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża, u ma hemm ċertament xejn x'wieħed jiċċensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ċċitat ġurisprudenza u awturi Ingliżi. Din il-Qorti ukoll ser tikkwota mill-aħħar edizzjoni ta' Archbold peress li hi tal-fehma li l-bran li ġej jittratta bl-aktar mod konċiż u preċiż il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:**
>
> **"'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted , that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be also directed: see R vs Loughlin, 35 Cr. App.R.69; R. vs Seymour, 38 Cr. App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.**
>
> **"'In R. v Smythe, 72. Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence, 5th ed., p. 49 (now 8th ed.p.35):** ***"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as on of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen good are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.***

[3] Ara xiehda ta' Leeroy Urry u Miguel Mizzi
[4] App. Krim. 26/08/1998

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the that fits in or does not fit in with other available evidence"* **(Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);**

**"U aktar 'il quddiem jingħad:**

**"What constitutes "Recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case… In R. v Smythe…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgment said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence" (para. 21-320)'"**

Issa fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju l-Avukat Ġenerali jindika li mill-provi akkwiżiti setgħet tinstab ħtija għar-reati tas-serq aggravat, dak ta' riċettazzjoni u finalment għar-reat hekk imsejjaħ *furto d'uso* ikkontemplat fl-artikolu 288 tal-Kodiċi Kriminali. Illi jibda biex jingħad illi s-serq ta' vettura ma jista' qatt jitqies fil-parametri tal-artikolu 288 tal-Kodiċi Kriminali billi dan is-serq huwa wieħed aggravat fit-termini ta'l-artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kodiċi Kriminali. Illi fis-sentenza *Il-Pulizija vs Siddy Sangari* deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-16 ta' Lulju 2010 kien deċiż illi:

***A thing may be stolen even if the gain to be derived therefrom consists merely in the temporary use of that thing. The offence of theft for the mere use of the thing stolen, contemplated in Article 288 of the Criminal Code, is theft for all intents and purposes of law. That provision merely provides that when the gain – the animus lucrandi – is the mere use of the thing stolen with the intention to restore the thing immediately, and provided that there are no other aggravations (i.e. it is a case of simple theft in terms of Article 284), then the agent is liable to the punishments established for contraventions. The requirement in this provision that the theft should be a simple theft (therefore without, among others, the aggravation of "amount") meant that ... any such ... person who stole a car for a joyride .... could not be arraigned under Article***

*288, since the value of the car, or, indeed, motorcycle meant that the theft was no longer a simple one but was aggravated by amount, necessitating, therefore, full committal proceedings, with the possibility of the case ending up in a trial by jury before the Criminal Court. For this purpose in 1956 a new offence was introduced in the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) which is today found in Article 61 of that law. The provision applies only to a vehicle, whether propelled by mechanical means or otherwise, and creates a special offence, which remains within the competence of the Inferior Court, consisting of the driving away of the vehicle without the consent of the owner or other lawful authority, when the intention is merely that of making temporary use of the vehicle. Many ... were thus spared trial by jury! Were it not for this special provision, such driving away of a motor vehicle would amount to an aggravated theft.*

Issa ma hemm ebda prova li t-teħid tal-vettura mill-appellat sar sabiex hu jmur dawra biha bl-intenzjoni li jirritornaha lura lil sidha, għalkemm huwa kien interċettat flmikien ma' sħabu f'din il-vettura. Illi lanqas ma kien mixli bir-reat maħsub fl-artikolu 61 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan l-artikolu tal-liġi lanqas ma hu indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju, bil-Qorti lanqas tista' tqies dan ir-reat bħala wieħed minuri kompriż u involut fir-reat ta' serq billi l-att aterjali tar-reat ma jikkontemplax dak tas-serq, iżda dak ta' sewqan ta' vettura mingħajr il-kunsens ta' sidha. Illi allura fil-kwadru probatorju ippreżentat quddiem l-Ewwel Qorti, mankanti il-prova mid-difiża, u dan sal-grad tal-probabbli, illi l-appellat ħa l-vettura bil-kunsens ta' Redent Zammit, mankanti l-prova illi l-intenzjoni tal-appellat kienet unikament illi ried jieħu il-vettura għal użu temporanju, u stabbilit illi l-appellat ġie misjub fil-pussess u l-kontroll ta' din il-vettura ftit tal-ħin wara li ġiet misruqa, allura bl-applikazzjoni tat-tejorija tal-pussess riċenti, l-Ewwel Qorti kellha issibu ħati tar-reat tas-serq ikkwalifikat kif mixli fl-ewwel imputazzjoni. Ukoll ġaldarba l-imputazzjoni dwar is-serq hija alternattiva għar-reat tar-riċettazzjoni, kwindi is-sejbien ta' ħtija għall-ewwel reat ma jistax iwassal għal sejbien ta' ħtija għat-tieni wieħed ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa dirett lejn il-liberatorja mill-akkuża dwar ir-reat tas-sewqan perikoluż addebitat lill-appellat. Illi fil-fehma ta'l-Avukat

Ġenerali mill-provi akkwiziti kellu jkun evidenti għall-Ewwel Qorti illi l-appellat ma kienx qed isuq sempliċiment b'mod traskurat imma agħar minn hekk kien qed isuq bi traskuraġni kbira, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha ssibu ħati ta' sewqan perikoluż.

Illi, dwar l-imputazzjoni marbuta mar-reat tas-sewqan perikoluż, li fiha hemm kompriż u involut ir-reat tas-sewqan traskurat, teżisti ġurisprudenza kostanti u kopjuża. Fir-rigward ta' sewqan perikoluż jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"[5] li dan jammonta għal *[dangerous driving]* li jirrikjedi li fil-każ partikolari, is- sewqan ikun ta' perikolu għal terżi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluzi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza *o meno* ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Illi, naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn il-forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati, bil-piena tkun l-istess għaż-żewġ reati. *In oltre*, ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż.[6]

L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[7], ukoll fisser id-definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li –

> **Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.**

Illi, mill-provi prodotti, huwa indubitat illi l-vettura msemmija fil-ħin li seħħ l-inċident in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-appellat. *In oltre*, irriżulta ukoll li l-appellat saq b'mod perikoluż u traskurat minn fuq il-post wara li kienu waqfuh il-Pulizija, tant li għadda bi sbrixx minn magħhom b'veloċita' għolja. Dan is-sewqan kompla jsir aktar perikoluż hekk kif huwa saħansitra saq kontra s-sinjali tat-traffiku u

[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997.
[6] Vide "Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950.
[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.

finalment spiċċa sabiex ħabat ma' vettura oħra li kienet tinstab ipparkjata. Dina l-Qorti hija tal-fehma li, abbażi tal-provi prodotti quddiemha, l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fl-appellat ta' sewqan b'mod perikoluż u traskurat, u għalhekk l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aħħar aggravju fil-mertu ntentat mill-Avukat Ġenerali jikkonċerna it-tmien imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, li tixlieh bir-reat ta' sewqan ta' vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, mill-liema imputazzjoni l-appellat kien ukoll illiberat mill-Ewwel Qorti. L-Avukat Ġenerali jisħaq li ġialadarba l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan, allura awtomatikament huwa ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi, ir-reat addebitat lill-appellat huwa dak mfassal fl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jħaddan fih ir-reat ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni: –

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, pero' il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u xeħet il-piż tal-prova fuq l-persuna mputata biex teżimi ruħha mir-responsabbilta' penali dwar din l-infrazjoni tal-liġi meta iddispona fis-sub-artikoli (1A) u (1B) ta' l-istess artikolu illi:–

> **(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi hekk:

> **Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur**

> **awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm fis-seħħ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 polza ta' l-assigurazzjoni li tkopri s-sewqan tiegħu ta' vettura. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-imputat il-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **favur tiegħu.** Illi allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi kienet il-Prosekuzzjoni li kien jenħtieġilha tipprova li ma kienx hemm kopertura assigurattiva, billi kif ingħad hija l-persuna mputata bir-reat li trid tegħleb il-presunzjoni mfassla fil-liġi li kopertura ma kienx hemm.

Illi, f'dawn il-proċeduri, l-appellat ma pproduċa ebda ċertifikat jew polza ta' assigurazzjoni jew dettalji dwar l-istess. *In oltre*, ġie ppruvat u lanqas ma jidher li huwa kkontestat illi l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida fil-mument li kien qed isuq il-vettura *de quo,* stante li kien għadu taħt l-eta', u għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li in vista ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fl-appellat anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Għaldaqstant, dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali ukoll qed jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-talba aħħarija tiegħu, l-Avukat Ġenerali jsostni li l-appellat kellu jinstab ħati anke tal-addebitu tar-reċediva, izda ma jressaq l-ebda aggravju *ad hoc* u ma jindika l-ebda raġuni li waslet għal dan l-ilment, raġunijiet li din il-Qorti mhijiex tenuta toqgħod tfittex u tispigola hi mill-atti tal-kawża. Dan magħdud, madanakollu, l-unika kundanna li hemm eżebita fl-atti hija sentenza datata 26 ta' Jannar 2015, fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet imponiet fuq l-appellat Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn. Illi, huwa ormai paċifiku li meta l-piena erogata tkun waħda alternattiva għal dik tal-

inkarċerazzjoni u tkun waħda ibbażata fil-komunita' fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din ma titqiesx li tagħmel prova għall-iskopijiet tal-addebitu tar-reċediva, u dana għall-fatt li mhix meqjusa bħala kundanna fis-sensi ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward qed jiġi respint.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tkun erogata, il-Qorti tqies illi din għandha tibqa' invarjata u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, sabiex l-appellat jinżamm 'il bogħod mill-ħajja kriminoġenika issa li għamel progress fl-imġieba tiegħu u għandu ħajja stabbli. Dan magħdud, madanakollu, għalkemm l-artikolu 37 ta-Kodiċi Kriminali jfassal riduzjoni fil-piena meta l-persuna akkużata bir-reat tkun taħt l-eta', madanakollu l-leġislatur huwa sieket fir-rigward tal-konsegwenzi imfassal għal piena, fejn f'dan il-każ, ġaldarba l-appellat qed jinstab ħati tar-reat imfassal fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha idejha marbuta u trid tgħaddi għall-iskwalifika hemmhekk imposta.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa', *in parte*, l-appell tal-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma is-sentenza appellata, u dana billi:**

**(1) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tar-raba' (4), il-ħames (5), is-seba' (7), id-disgħa (9) u l-għaxar (10) imputazzjonijiet dedotti kontrih;**

**(2) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjoni dedotta kontrih kif ukoll fejn ma sabitux ħati dwar l-addebitu tar-reċediva;**

**(3) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tat-tielet (3) imputazzjoni fir-rigward tar-reat tas-sewqan traskurat biss, u minflok issibu ħati ta' sewqan perikoluż, li kompriż u involut fl-istess hemm is-sewqan traskurat, u dana ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**(4) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 261(g) u 271(g) tal-Kodiċi Kriminali issibu ħati ta' din l-imputazzjoni;**

**(5) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tat-tmien (8) imputazzjoni u minflok, issibu ħati ta' l-istess, u dana fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**(6) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għall-tlett snin; u**

**(7) Inoltre tikkundannah għall-amenda ta' €50, stante illi l-appellat kien minuri fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali. Tiskwalifikah milli jotteni jew ikollu liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**